

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Fejn u kif>**Spejjeż**

Spejjeż

Ungerija

Din il-paġna tagħtik informazzjoni dwar l-ispejjeż ġudizzjarji fl-Ungerija.

Id-dritt tal-familja – id-divorzju

Il-liġi tal-familja – il-kustodja tat-tfal

Il-liġi tal-familja – il-manteniment

Id-dritt kummerċjali – il-kuntratt

Id-dritt kummerċjali – ir-responsabbiltà

Qafas regolatorju li jirregola t-tariffi tal-professjonijiet legali

1. Uffiċjali ġudizzjarji

L-ammont tat-tariffa tal-uffiċjal ġudizzjarju jiddependi mill-iskop tat-titolu eżekuttiv maħruġ (jekk huwiex biex jinġabar dejn jew biex tiġi eżegwita azzjoni speċifika). Jekk l-eżekuzzjoni tinvolvi l-ġbir ta' dejn, it-tariffa tal-uffiċjal ġudizzjarju tkun proporzjonata mal-ammont tad-dejn li għandu jinġabar. B'hekk, aktar ma tkun kbira t-talba involuta fl-eżekuzzjoni, aktar tkun għolja t-tariffa mħallsa lill-uffiċjal ġudizzjarju. Jekk id-dmir jinvolve l-eżekuzzjoni ta' azzjoni speċifika, it-tariffa tiddependi fuq kemm iddum dik l-azzjoni.

2. Avukati

Il-kelma Ungeriża għal persuna li tiprattika l-liġi, "ügyvéd", tkopri kull tip ta' avukat. Bħala regola ġenerali, l-onorarju tal-avukat jiġi stabbilit permezz ta' ftehim bejn il-klijent u l-avukat. Jekk ma jintlaħaq l-ebda qbil dwar l-onorarju bejn il-klijent u l-avukat għall-aċċettazzjoni tal-patronċinju tal-kawża jew jekk il-klijent jittlob hekk, l-ammont tal-onorarju għar-rappreżentazzjoni jiġi deċiż mill-qorti f'konformità mal-liġi. Jekk il-kawża tintrebaħ, l-onorarju dovut lill-avukat skont il-ftehim bejn il-klijent u l-avukat mhux bilfors ikun jista' jintalab bis-sħiħ kontra l-parti telliefa. Il-qorti li tisma' l-kawża tista' tnaqqas ir-remunerazzjoni tar-rappreżentant legali fi ħdan talba għall-ispejjeż legali li hija tqis eċċessiva. F'dan il-każ, il-qorti tiddetermina l-onorarju tal-avukat fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet statutorji. L-ammont tal-onorarju tal-avukat stabbilit mill-qorti jiġi aġġustat skont il-valur tat-talba. Il-partijiet jistgħu jitolbu lill-qorti tapplika t-tariffa statutorja jekk ma jkunux jixtiequ li l-ftehim isir pubbliku.

Spejjeż statutorji

Spejjeż statutorji (tariffi) fi proċedimenti ċivili

Spejjeż statutorji għall-partijiet fil-kawża fi proċedimenti ċivili

Sakemm il-liġi ma tistipulax mod ieħor, il-bażi għal kwalunkwe tariffa (illeték) fi proċedimenti ċivili hija l-valur tat-talba fiż-żmien meta jinfetħu l-proċedimenti u, fi proċedura tal-appell, il-valur tat-talba jew ta' parti mit-talba inkwistjoni.

Jekk il-valur tat-talba ma jkunx jista' jiġi stabbilit, il-bażi għall-kalkolu tat-tariffa fil-proċedimenti quddiem qorti distrettwali (járásbíróság) hija ta' HUF 350 000 fi proċedimenti kontenzjużi u ta' HUF 200 000 fi proċedimenti mhux kontenzjużi. Fi proċedimenti tal-Prim'Istanza quddiem qorti reġjonali (törvényszék), il-bażi hija ta' HUF 600 000 fi proċedimenti kontenzjużi u ta' HUF 350 000 fi proċedimenti mhux kontenzjużi. Fi proċedura ta' appell, il-bażi hija ta' HUF 300 000 fi proċedimenti kontenzjużi u ta' HUF 170 000 fi proċedimenti mhux kontenzjużi. Fi proċedura ta' appell quddiem il-qorti tal-appell (ítélőtábla), il-bażi hija ta' HUF 600 000 fi proċedimenti kontenzjużi u ta' HUF 300 000 fi proċedimenti mhux kontenzjużi. Quddiem il-Curia tal-Ungerija (Kúria), il-bażi hija ta' HUF 500 000 fi proċeduri ta' appell u ta' HUF 700 000 fi proċeduri ta' ritrattazzjoni.

Fi proċedimenti tal-Prim'Istanza, l-ammont tat-tariffa fi proċedimenti kontenzjużi hu ta' 6 % tal-bażi għat-tariffa ddefinita aktar 'il fuq, iżda tal-anqas HUF 15 000 u mhux aktar minn HUF 1 500 000. Fi proċedimenti mhux kontenzjużi tal-Prim'Istanza, l-ammont tat-tariffa hu ta' 3 % tal-bażi għat-tariffa, iżda tal-anqas HUF 5 000 u mhux aktar minn HUF 250 000. F'ċerti proċedimenti mhux kontenzjużi speċifikati mil-liġi, l-ammont tat-tariffa jkun differenti, eż. fil-każ ta' oppożizzjoni għal mandat ta' inibizzjoni hu ta' 3 %, iżda tal-anqas HUF 5 000 u mhux aktar minn HUF 750 000.

Minbarra dawn ta' hawn fuq, il-liġi tistabbilixxi tariffi f'każijiet speċifiċi:

Proċedimenti ta' divorzju (házassági bontóper): HUF 30 000;

Proċedimenti tat-tribunal industrijali (munkaügyi per) (jekk il-valur tat-talba ma jkunx jista' jiġi stabbilit): HUF 10 000;

Proċedimenti għal sħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni amministrattiva (közigazgatási határozat bírósági felülvizsgálata iránti eljárás), bl-eċċezzjoni ta' proċedimenti relatati mad-dritt tal-kompetizzjoni u mat-tassazzjoni, mal-akkwist pubbliku, u mal-komunikazzjonijiet elettroniċi: HUF 30 000;

Proċedimenti amministrattivi mhux kontenzjużi (közigazgatási nemperes eljárás): HUF 10 000;

Awtorizzazzjoni ġenerali (általános meghatalmazás): HUF 18 000;

Proċedimenti ta' insolvenza (fizetésképtelenségi eljárás): likwidazzjoni (felszámolás): HUF 80 000; proċedimenti ta' falliment (csődeljárás): HUF 50 000;

Għal **entitajiet** mingħajr personalità ġuridika: likwidazzjoni (felszámolás): HUF 30 000; proċedimenti ta' falliment (csődeljárás): HUF 30 000;

Proċedimenti għal annullament ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ (választottbírószági ítélet) jew ftehim ta' arbitraġġ (választottbírószági egyezség): it-tariffa tiġi ddeterminata fuq il-bażi tal-valur tal-proċedimenti indikat fid-deċiżjoni tal-arbitraġġ jew fuq il-bażi ta' valur nozzjonali;

Appell: 8 %, iżda tal-anqas HUF 15 000 u mhux aktar minn HUF 2 500 000;

Ritrattazzjoni (perújítás): it-tariffi jridu jerġgħu jithallsu;

Mozzjoni għal sħarriġ ġudizzjarju (felülvizsgálati kérelem): 10 % għas-sentenzi, iżda tal-anqas HUF 50 000 u mhux aktar minn HUF 3 500 000; nofs it-tariffa applikabbli għas-sentenzi fil-każ ta' digriet, iżda tal-anqas HUF 20 000 u mhux aktar minn HUF 1 250 000.

Għall-preżentata ta' applikazzjoni għall-ħruġ ta' ordni għall-ħlas (fizetési meghagyás) quddiem il-Kamra tan-Nutara Ċivili tal-Ungerija (Magyar Országos Közjegyzői Kamara), it-tariffa statutorja trid tiħallas biex ikopri l-ispejjeż operattivi tas-sistema tal-Kamra, u l-onorarju u l-ispejjeż tan-nutara ("it-tariffa proċedurali"). It-tariffa proċedurali hija bbażata fuq il-valur tat-talba monetarja fiż-żmien meta titressaq il-proċedura, ikkalkolata b'mod li jeskludi l-ispejjeż anċillari ("il-bażi tat-tariffa"); l-imgħax dovut fuq talba monetarja u eżegwit flimkien magħha ma għandux ikun inkluż fil-bażi tat-tariffa anke jekk, fl-istess żmien tat-talba inizjali għall-imgħax, ir-rikorrent jeżegwixxi wkoll talba addizzjonali għall-imgħax fuq l-imgħax mitlub. L-imgħax u l-ispejjeż anċillari l-oħrajn eżegwiti b' mod separat jiġu inklużi fil-bażi tat-tariffa.

L-ammont tat-tariffa proċedurali bbażat fuq il-bażi tat-tariffa: a) 3 %, iżda tal-anqas HUF 5 000 u mhux aktar minn HUF 300 000, fil-proċedura ewlenija, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor hawn taħt; b) 1 %, iżda tal-anqas HUF 5 000 u mhux aktar minn HUF 15 000, fi proċedura miftuħa għad-differiment ta'

ħlas jew għall-ħlas bin-nifs; c) 1 %, iżda tal-anqas HUF 5 000 u mhux aktar minn HUF 15 000, fi proċedura miftuħa għad-differiment ta' ħlas jew għall-ħlas bin-nifs ta' multa imposta.

L-istadju tal-proċedimenti ċivili meta jridu jitħallsu l-ispejjeż statutorji

Fil-proċedimenti ċivili, l-obbligu tal-ħlas tat-**tariffi tal-qorti** jiskatta meta tiġi ppreżentata l-kawża. Għalhekk, it-tariffi proċedurali jridu jitħallsu fil-ħin meta tiġi ppreżentata l-kawża. Jekk il-parti ma tħallasx it-tariffi tal-qorti, jew tħallas anqas milli meħtieġ mil-liġi, il-qorti jeħtiġilha titlob lill-parti tħallas il-bqija tat-tariffi tal-qorti meta jiġi ppreżentat ir-rikors. Il-qorti jeħtiġilha wkoll tgħarraf lill-parti li r-rikors jiġi miċħud jekk it-tariffi tal-qorti ma jitħallsux kollha.

L-onorarju tal-avukat jitħallas fuq il-bażi tal-ftehim bejn il-klijent u l-avukat. Parti mit-tariffa tal-uffiċjal ġudizzjarju trid titħallas bil-quddiem fil-bidu tal-proċedimenti ta' eżekuzzjoni.

Spejjeż statutorji (tariffi) fi proċedimenti kriminali

Spejjeż statutorji tal-partijiet fi proċedimenti kriminali

Fil-każ ta' proċedimenti bbażati biss fuq prosekuzzjoni bi kwerela tal-parti offiċja (magánvádás eljárás):

Tariffa għall-preżentata ta' kwerela: HUF 10 000.

Tariffa għall-preżentata ta' appell: HUF 10 000.

Tariffa għal mozzjoni għal sfharrig jew ritrattazzjoni: HUF 15 000.

Jekk tiġi ppreżentata talba ċivili fi proċedimenti kriminali, l-uniċi tariffi pagabbli jkunu għall-preżentata tar-rikors u għall-appell. Dawn it-tariffi jridu jitħallsu minbarra dawk għall-proċedimenti kriminali, f'konformità mar-regoli dwar it-tariffi applikabbli għall-proċedimenti ċivili.

L-istadju tal-proċedimenti kriminali meta jridu jitħallsu l-ispejjeż statutorji

Dawn iridu jitħallsu mal-att promotur fil-bidu tal-proċedimenti.

Spejjeż statutorji fi proċedimenti kostituzzjonali

Skont it-Taqsima 54(1) tal-Att CLI tal-2011 dwar il-Qorti Kostituzzjonali (Alkotmánybíróságról szóló 2011. évi CLI. törvény), il-proċedimenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali (Alkotmánybíróság) huma mingħajr ħlas, u kwalunkwe spiża mġarrba matul proċedimenti bħal dawn jiġġarrbu mir-rikorrent.

Madankollu, rikorrent li ma jaġixxix *bona fide* meta jippreżenta petizzjoni jaf ikollu jħallas l-ispejjeż u/jew jista' jkun soġġett għal multa proċedurali ta' bejn HUF 20 000 u HUF 500 000.

Informazzjoni li trid tingħata minn qabel mir-rappreżentanti legali

Drittijiet u obbligi tal-partijiet

Meta jipprattikaw il-professjoni tagħhom, l-avukati jgħinu lill-klijenti jasserixxu drittijietom u jissodisfaw l-obbligi tagħhom bil-mezzi u bil-mod previsti mil-liġi. Il-konsulenti legali (jogtanácsos) jgħinu wkoll biex jiġu asseriti d-drittijiet tal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw.

Dan l-obbligu jinkludi d-dmir li tiġi pprovduta l-informazzjoni meħtieġa dwar id-drittijiet u l-obbligi, il-possibbiltajiet ta' suċċess u l-ispejjeż prevedibbli tal-proċedimenti.

Sorsi tal-ispejjeż

Fejn nista' nsib informazzjoni dwar is-sorsi tal-ispejjeż fl-Ungerja?

L-informazzjoni dwar is-sorsi tal-ispejjeż hija disponibbli fuq is-sit web tan-**Network Ġudizzjarju Ewropew**:

[NGE Ġustizzja Ċivili – Għajnuna Legali](#)

[NGE Ġustizzja Ċivili - It-tressiq ta' kawża quddiem qorti](#)

Anki s-sit web tal-**Kamra tal-Avukati ta' Budapest** (Budapesti Ügyvédi Kamara) jipprovdi informazzjoni dwar l-onorarji tal-avukati.

B'liema lingwi nista' nikseb informazzjoni fuq is-sorsi tal-ispejjeż fl-Ungerja?

L-informazzjoni dwar is-sorsi tal-ispejjeż hija disponibbli fuq is-sit web **tan-Network Ġudizzjarju Ewropew**. Hawn tista' ssib l-informazzjoni rilevanti f'kull lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Is-sit web tal-**Kamra tal-Avukati ta' Budapest** jipprovdi informazzjoni dwar l-ispejjeż bl-Ungeriż biss.

Minn fejn nista' nsib informazzjoni dwar il-medjazzjoni?

Informazzjoni dwar il-medjazzjoni hi disponibbli fis-siti web li ġejjin:

[NGE Ġustizzja Ċivili – il-medjazzjoni](#)

[Ir-Reġistru Ungeriż tal-Medjaturi \(Közvetítő Magyarországi adatbázisa\)](#)

[L-Uffiċċju għall-Amministrazzjoni Pubblika u għall-Ġustizzja \(Közgazgatási és Igazságügyi Hivatal\)](#)

Fejn nista' nsib informazzjoni addizzjonali dwar l-ispejjeż?

Sit web b'informazzjoni dwar l-ispejjeż

Tista' ssib informazzjoni addizzjonali dwar l-ispejjeż fuq is-sit web tal-**Kamra tal-Avukati ta' Budapest**.

Minn fejn nista' nsib informazzjoni dwar it-tul ta' żmien medju li jleħdu proċedimenti differenti?

Informazzjoni dwar it-tul tal-proċedimenti tista' tinsab fis-sit web tal-**Qrati tal-Ungerja**.

Links oħrajn:

L-informazzjoni dwar it-tabelli statistiċi hi disponibbli bl-Ungeriz biss.

Taxxa fuq il-Valur Miżjud

Kif tingħata din l-informazzjoni?

L-ispejjeż indikati hawn fuq għall-avukati huma spejjeż netti li magħhom trid tiżdied il-VAT.

Liema huma r-rati li japplikaw?

Ir-rata tal-VAT ġenerali fl-Ungerja kienet ta' 20 % tal-bażi għat-taxxa sal-1 ta' Lulju 2009, meta żdiedet għal 25 % u mbagħad għal 27 %.

Għajnuna legali

Il-livell limitu applikabbli tal-introjtu fi proċedimenti ċivili

Hemm żewġ livelli limitu minimi:

Biex tiġi ffaċilitata l-eżekuzzjoni tad-drittijiet tagħhom, il-litiganti li jkunu persuni ġuridiċi (inklużi l-intervenjenti f'kawża) u li l-introjtu u l-qagħda finanzjarja tagħhom ma jippermettulhomx iħallsu għall-ispejjeż tal-proċedimenti, jingħataw eżenzjoni sħiħa jew parzjali mill-ħlas ta' dawn l-ispejjeż fuq talba. L-għajnuna legali tkopri l-benefiċċji li ġejjin: eżenzjoni mit-tariffi; eżenzjoni mill-ħlas bil-quddiem u, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor mil-liġi, mill-ħlas tal-ispejjeż imġarrba matul il-proċedimenti (l-onorarji tax-xhieda u tal-periti, l-onorarji tat-tutor *ad litem* (ügygondnok) u tal-interpretu, l-onorarju tal-avukat tal-għajnuna legali (pártfogó ügyvéd), u l-ispejjeż tas-seduti u tal-aċċessi fuq il-post, eċċ.); eżenzjoni mill-għoti ta' garanzija għall-ispejjeż legali; applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għar-rappreżentazzjoni minn avukat tal-għajnuna legali jekk tkun permessa mil-liġi. Jekk l-introjtu (salarju, pensjoni, benefiċċji fi flus regolari oħra) tal-parti ma jkunx jaqbeż l-ammont minimu tal-pensjoni tal-irtirar (HUF 28 500) stabbilita fuq il-bażi ta' impjeg u l-persuna ma jkollhiex assi għajr il-bżonnijiet tas-soltu tal-ħajja u għamara, dik il-persuna jeħtiġilha tingħata l-għajnuna legali. L-għajnuna legali trid tingħata wkoll, mingħajr eżaminazzjoni tal-introjtu u tal-kapaċità finanzjarja tal-persuna, lill-parti li tkun intitolata għal benefiċċji tal-età lavorattiva jew li tgħix fl-istess unità domestika bħal membru tal-

familja mill-qrib skont it-tifsira tal-Att dwar l-Administrazzjoni Soċjali u l-Benefiċċji Soċjali (szociális igazgatásról és szociális ellátásokról szóló törvény) li jkun intitolat għal benefiċċji tal-età lavorattiva. F'ċerti eċċezzjonijiet, l-għajnuna legali tista' tingħata anke jekk il-kundizzjonijiet ta' hawn fuq ma jkunux issodisfati iżda l-qorti tikkonstata, filwaqt li tqis ċirkustanzi oħra tal-parti, li s-sussistenza tal-parti tkun f'riskju. (It-Taqsima 6(1) tad-Digriet Nru 6/1986 tas-26 ta' Ġunju 1986 tal-Ministeru għall-Intern dwar l-applikazzjoni tal-għajnuna legali fi proċeduri tal-qorti (A bírósági eljárásban a költségmentesség alkalmazásáról szóló 6/1986. (VI. 26.) IM rendelet))

Fil-kuntest tal-assistenza legali barra mill-qorti pprovduta mill-Istat, l-assistent tal-għajnuna legali (jogi segítő) jipprovdli lill-parti b'pariri legali jew iħejji s-sottomissjonijiet jew dokumenti oħra u, fuq il-bażi tal-awtorizzazzjoni għal dan l-għan, ikollu aċċess għall-atti tal-kawża. It-tariffi statutorji u l-ispejjeż għal dan jiħallsu jew jiħallsu bil-quddiem mill-Istat lill-assistent tal-għajnuna legali fisem il-parti. Matul il-proċedimenti ġudizzjarji, f'termini tal-assistenza legali, l-Istat jipprovdli avukat tal-għajnuna legali biex jirrappreżenta lill-attur lill-konvenut, lill-intervenut (it-terza persuna msejħa fil-kawża), lir-rikorrent u lill-intimat, u jħallas bil-quddiem jew iħallas għall-ispejjeż ta' dan fisem il-parti fil-proċedimenti kontenzjużi u mhux kontenzjużi ċivili (flimkien imsejħin "il-proċedimenti") previsti mil-liġi. It-tariffa għas-servizz legali tiħallas bil-quddiem mill-Istat fisem il-parti jekk l-introjtju disponibbli nett fix-xahar tal-parti ma jaqbiżx it-43 % tal-qligħ gross medju fix-xahar tal-ekonomija nazzjonali, kif ippubblikat mill-Uffiċċju tal-Istatistika Ċentrali tal-Ungerija (Központi Statisztikai Hivatal) fit-tieni sena li tippreċedi s-sena ta' referenza (madwar HUF 231 000 fl-2013), jiġifieri HUF 99 330, u l-parti ma jkollhiex assi. (It-Taqsimiet 11 u 6 tal-Att LXXX tal-2003 dwar l-għajnuna legali (A jogi segítségnyújtásról szóló 2003. évi LXXX. törvény))

Il-ħlasijiet għall-assistenza legali jistgħu jsiru bil-quddiem.

Il-limitu minimu tal-introjtju applikabbli fil-proċedimenti kriminali għall-imputati

Fi proċedimenti kriminali, persuna suspettata jew akkużata tista' tirċievi **rappreżentanza legali mingħajr ħlas** fuq il-bażi tal-limiti minimi tal-introjtju applikati fi proċedimenti ċivili.

Il-limitu minimu tal-introjtju applikabbli fil-proċedimenti kriminali għall-vittmi

Jekk, fi proċedimenti separati, l-applikant għall-għajnuna jinstab li jkun vittma ta' reat u jkun intitolat jirċievi servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, it-tariffa għas-servizz legali tiħallas mill-Istat fisem il-parti dment li l-introjtju disponibbli nett fix-xahar tal-persuna ma jaqbiżx is-86 % tal-qligħ gross medju fix-xahar tal-ekonomija nazzjonali, kif ippubblikat mill-Uffiċċju tal-Istatistika Ċentrali tal-Ungerija fit-tieni sena li tippreċedi s-sena ta' referenza (madwar HUF 231 000 fl-2013), jiġifieri HUF 198 660. (It-Taqsima 9/A tal-Att LXXX tal-2003 dwar l-għajnuna legali)

L-assistenza legali għall-vittmi tinkludi r-rappreżentanza legali.

Kundizzjonijiet oħra għall-għoti ta' għajnuna legali lill-vittmi

Minbarra l-limiti minimi stabbiliti għall-introjtju, il-vittma jeħtiġilha tissodisfa żewġ kundizzjonijiet oħra:

il-vittma jeħtiġilha tagħmel rapport/kwerela;

il-vittma jeħtiġilha tikseb ċertifikat mingħand l-awtorità responsabbli biex tassisti lill-vittmi. Iċ-ċertifikat irid jiddikjara li ġew issodisfati ċerti kundizzjonijiet (li l-vittma kkuntattjat lill-awtorità rilevanti fi ħdan it-terminu mogħti mil-liġi).

Kundizzjonijiet oħra għall-għoti ta' għajnuna legali lill-imputati

Ma hemm ebda kundizzjoni oħra biex tingħata għajnuna legali lill-imputati.

Proċeduri tal-qorti mingħajr ħlas

Ma tintalab l-ebda tariffa jew tintalab tariffa mnaqqa fil-kawżi ċivili li ġejjin:

it-tariffa tkun ta' 10 % tat-tariffa għall-proċedimenti ġudizzjarji jekk il-qorti tiċħad l-att promotur *ex officio* mingħajr ma toħroġ taħrika;

appelli kontra deċiżjoni dwar l-għajnuna legali jew dwar il-ħlas differit tal-ispejjeż (illetékfeljegyzési jog), jiġifieri meta l-Istat iħallas bil-quddiem l-ispejjeż fisem il-parti;

kontrotalbiet dwar iż-żwieġ fi proċedimenti ta' divorzju;

proċedimenti relatati mad-dikjarazzjoni tal-mewt u mal-istabbiliment tal-fatt tal-mewt jekk l-għajbien jew il-mewt ikun seħħ bħala riżultat ta' att ta' gwerra jew ta' diżastru naturali;

proċedimenti għar-reġistrazzjoni ta' fondazzjonijiet, ta' fondazzjonijiet pubbliċi, ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ta' korpi pubbliċi, ta' organizzazzjonijiet tar-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali u ta' Pjan ta' Sjieda ta' Ishma għall-Impjegati, kif ukoll proċedimenti għall-approvazzjoni tal-parteċipazzjoni f'Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali;

rikorsi għad-diregistrazzjoni ta' kumpanija xolta, inklużi rikorsi għad-diregistrazzjoni fi proċedura simplifikata ta' stralċ (egyszerűsített végelszámolás) flimkien man-notifika tal-amministratur;

rikorsi għall-korrezzjoni jew għas-supplimentazzjoni ta' deċiżjoni;

proċedimenti tar-regjistru elettorali;

proċedimenti għan-notifika ta' bidliet wara tidħil fir-regjistru ta' konsulenti legali;

appelli kontra ordni ta' trasferiment lejn qorti oħra;

stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni amministrattiva f'kawżi ta' kumpens;

proċedimenti ta' saldu tad-djun muniċipali;

proċedimenti miftuħa minn uffiċjal ġudizzjarju indipendenti b'rabta ma' proċedimenti ta' eżekuzzjoni ġudizzjarja mwettqa mill-uffiċjal ġudizzjarju u

proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà domestika skont ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009;

proċedimenti miftuħa fuq il-bażi ta' lment kostituzzjonali mirbuħ;

azzjonijiet dwar il-protezzjoni ta' *data* personali jew l-iżvelar ta' *data* ta' interess pubbliku;

stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet amministrattivi dwar l-għoti ta' għajnuna legali;

proċedimenti mhux kontenzjużi għall-istħarriġ ġudizzjarju ta' ordni ta' trażżin *interim* u għall-ħruġ ta' ordni ta' trażżin għal vjolenza bejn qraba speċifikata fl-iġi separata;

stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet amministrattivi dwar l-għoti ta' appoġġ għall-vittmi.

Ma tintalab l-ebda tariffa fil-kawżi kriminali li ġejjin:

l-appelli, it-talbiet għal proċess ġdid u t-talbiet għal stħarriġ mill-imputat u mill-avukat tad-difiża fi proċedimenti bbażati biss fuq prosekuzzjoni privata;

proċedimenti bbażati biss fuq prosekuzzjoni privata jekk il-proċedimenti jingħalqu mill-qorti qabel il-bidu tas-seduta personali jew jekk il-proċedimenti jingħalqu bħala riżultat ta' klemenza;

talbiet għal klemenza u talbiet għal eżoneru ġudizzjarju jekk ippreżentati mill-persuna kkundannata jew mill-avukat tad-difiża;

proċedimenti għall-għoti ta' għajnuna legali personali;

l-għoti għal darba waħda ta' kopji ta' dokumenti lill-imputat, lill-avukat tad-difiża u lir-rappreżentant legali ta' imputati li jkunu minuri.

Eżenzjoni mill-ħlas tat-tariffi tista' tingħata minħabba ċirkustanzi personali (személyes illetékmentesség) kif ukoll is-suġġett tal-proċedimenti (tárgyi illetékmentesség).

Eżenzjoni personali tingħata, fost l-oħrajn, lill-assoċjazzjonijiet, lill-korpi pubbliċi, lill-knejjes, lill-għaqdiet tal-knejjes, lill-istituzzjonijiet ekleżjastiċi, lill-fondazzjonijiet, lill-fondazzjonijiet pubbliċi, lill-kumpaniji mingħajr skop ta' qligħ b'benefiċċju pubbliku jew bi status ta' benefiċċju pubbliku ta' prijorità, lill-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana, u lill-Komunitajiet Ewropej u lill-istituzzjonijiet, lill-korpi, lill-aġenziji u lill-fondi separati tagħhom.

Meta trid tħallas l-ispejjeż il-parti telliefa lill-parti rebbieħa?

Il-parti telliefa jeħtiġilha tħallas lill-parti rebbieħa l-ispejjeż jekk tkun meħtieġa tagħmel dan fi ndan perjodu ta' 30 jum mill-qorti fid-deċiżjoni finali tagħha. Il-parti telliefa jeħtiġilha tħallas l-ispejjeż direttament lill-parti rebbieħa. Jekk l-ispejjeż ma jitħallsux, jistgħu jinfetħu proċedimenti ta' eżekuzzjoni kontra l-parti telliefa.

L-onorarij tal-periti

L-onorarij tal-periti normalment jitħallsu mill-parti telliefa, iżda dawn jiġġarrbu mill-Istat f'każijiet speċifiċi meta jkun responsabbli biex iħallas l-ispejjeż. Meta l-ispejjeż jitħallsu bil-quddiem mill-Istat, dawn jinkludu l-onorarij tal-periti. Il-periti jistgħu jitolbu l-ħlas tal-ispejjeż neċessarji u ġustifikati mgħarba waqt it-tnejn tal-perizja tagħhom. L-esperti forensiċi, is-servizzi forensiċi u l-konsulenti speċjali jingħataw ammont b'rata fissa biex ikopri l-ispejjeż li ma jkunux sostnuti minn fattura iżda li xorta jiġġarrbu, bħall-posta, it-telefown u l-provvisti tal-uffiċċju. L-ammont b'rata fissa hu ta' 35 % tal-onorarij ta' perit, iżda mhux aktar minn HUF 100 000.

Il-perit jista' jitlob ħlas bil-quddiem sa 50 % tal-ispejjeż mistennija, iżda mhux aktar minn HUF 150 000.

L-onorarij tat-tradutturi u tal-interpreti

L-onorarij tat-tradutturi u l-interpreti normalment jitħallsu mill-parti telliefa, iżda dawn jiġġarrbu mill-Istat f'każijiet speċifiċi meta jkun responsabbli biex iħallas l-ispejjeż. Meta l-ispejjeż jitħallsu bil-quddiem mill-Istat, dawn jinkludu onorarij bħal dawn.

Links relatati

[Is-Sit Web tal-Kamra tal-Avukati ta' Budapest](#)

Dokumentanti relatati

[Ir-Rapport tal-Ungerija dwar l-Istudju tat-Trasparenza tal-Ispejjeż](#)  (533 Kb) 

L-aħħar aġġornament: 15/09/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Studju ta' każ 1 – liġi tal-familja – divorzju - L-Ungerija

F'dan l-Istudju ta' każ dwar il-liġi tal-familja fuq id-divorzju, l-Istati Membri ġew mitluba javżaw lill-parti li tiftaħ il-kawża għad-divorzju fuq l-ispejjeż tal-litigazzjoni f'wieħed minn dawn il-każijiet:

Każ A – Kwistjoni nazzjonali: Koppja tiżżewweġ. Wara jisseparaw u jaqblu li jgħibu divorzju.

Każ B – Kwistjoni tranżnazzjonali: Żewġ ċittadini mill-istess Stat Membru (Stat Membru A) jżżewġu. Iż-żwieġ jiġi ċelebrat fl-Istat Membru A. Wara t-tieġ, il-koppja tmur tgħix u taħdem fi Stat Membru ieħor (Stat Membru B), fejn jistabbilixxu r-residenza tagħhom. Ftit wara l-koppja tissepara, il-mara tirritorna fl-Istat Membru A u r-raġel jibqa' jgħix fl-Istat Membru B. Il-koppja tiddeċiedi li jgħib divorzju. Mal-wasla tagħha lura fl-Istat Membru A, il-mara immedjatament tiftaħ kawża għad-divorzju quddiem il-qorti tal-Istat Membru B.

Spejjeż fi-Ungerija

L-ispejjeż ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR)

Studju ta' każ	Soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR)	
	Din l-għażla hija miftuħa għal dan it-tip ta' każ?	Drittijiet
Il-każ A	Iva, imma biss f'dak li għandu x'jaqsam ma' ftehim fuq kwistjonijiet dwar il-hall taż-żwieġ, bħall-kura u kustodja u l-manteniment tat-tfal, il-kuntatt bejn il-ġenituri u t-tfal, il-manteniment tal-konjuġi, l-użu tal-propjetà immobbli li tappartjeni lit-tnejn u d-distribuzzjoni ta' din il-propjetà. Madankollu, il-qorti xorta trid tapprova l-ftehim milfuq bejn il-partijiet.	Kif miftiehma bejn il-partijiet u l-medjatur. Kull min huwa involut fi proċedimenti ġodda jew li għadhom għaddejnin jista' jitlob lill-qorti għall-medjazzjoni, li tingħata b'xejn.
Każ B	Iva, iżda biss rigward ftehim fuq kwistjonijiet li jikkonċernaw il-hall taż-żwieġ. Madankollu, il-qorti xorta trid tapprova l-ftehim milfuq bejn il-partijiet.	Kif miftiehma bejn il-partijiet u l-medjatur. Kull min huwa involut fi proċedimenti ġodda jew li għadhom għaddejnin jista' jitlob lill-qorti għall-medjazzjoni, li tingħata b'xejn.

L-avukat, il-bailiff u t-tariffi tal-esperti

Studju ta' każ	Avukat		Bailiff		Espert	
	Ir-rappreżentazzjoni ġuridika hija mandatorja?	Spejjeż medji	Ir-rappreżentazzjoni ġuridika hija mandatorja?	Bilfors trid tintuża?	Drittijiet	
Il-każ A	Le	Kif miftiehma bejn il-partijiet u l-avukat.	Le	Le Il-qorti tista' taftar espart fuq talba tal-parti li qiegħda tixhed, sakemm il-qorti ma tagħtix bidu għas-smiġ tax-xhieda <i>ex officio</i> . Kull waħda mill-partijiet tista' tissottometti wkoll l-opinjoni ta' esperti privati.	It-traduttur jiddetermina d-dritt tiegħu/tagħha. Jekk il-qorti tordna s-smiġ tax-xhieda <i>ex officio</i> , it-tariffa tiġi stabbilita skont il-leġiżlazzjoni rilevanti fis-seħħ.	
	Le	Kif miftiehma bejn il-partijiet u l-avukat.	Le	Le Il-qorti tista' taftar espart fuq talba tal-parti li qiegħda tixhed, sakemm il-qorti ma tagħtix bidu għas-smiġ tax-xhieda <i>ex officio</i> , it-tariffa	It-traduttur jiddetermina d-dritt tiegħu/tagħha. Jekk il-qorti tordna s-smiġ tax-xhieda <i>ex officio</i> , it-tariffa	

Każ B				xhieda <i>ex officio</i> . Kull waħda mill-partijiet tista' tissottometti wkoll l-opinjoni ta' esperti privati.	tiġi stabbilita skont il-leġiżlazzjoni rilevanti fis-seħħ.
-------	--	--	--	---	--

Spejjeż għall-kumpens tax-xhieda, depożiti jew garanzija u drittijiet oħrajn rilevanti

Studju ta' każ	Il-kumpens tax-xhieda				
	Ix-xhieda jistgħu jingħataw kumpens?			Drittijiet	
Il-każ A	Iva			Il-kumpens għax-xhieda huwa regolat bil-liġi. Ix-xhieda huma intitolati għal kumpens tal-ispejjeż tat-trasport, akkomodazzjoni u l-bżonnijiet tagħhom, u kumpens għall-perjodu li fih ma marrux għax-xogħol.	
Każ B	Iva			Il-kumpens għax-xhieda huwa regolat bil-liġi. Ix-xhieda huma intitolati għal kumpens tal-ispejjeż tat-trasport, akkomodazzjoni u l-bżonnijiet tagħhom, u kumpens għall-perjodu li fih ma marrux għax-xogħol.	

L-ispejjeż għall-għajna legali u r-rifużjoni tal-ispejjeż

Studju ta' każ	Għajna legali			Rifużjoni tal-ispejjeż		
	Meta u taħt liema kundizzjonijiet tgħodd?	Meta tista' tingħata l-għajna legali bis-siġħ?	Tista' l-parti rebbieħa tikseb ir-rifużjoni tal-ispejjeż tal-kawża?	Jekk ir-rifużjoni mhix siġħ, x'inhu l-perċentwal normali ta' spejjeż li jiġu koperti?	Liema spejjeż ma jistgħux jiġu rifużi?	Hemm każijiet fejn l-għajna legali tista' tiġi rifuża?
Il-każ A	Ara t-taqsimu dwar l-għajna legali.	Fil-każijiet fejn, skont l-informazzjoni disponibbli dak il-ħin, l-istima tal-ispejjeż ġuridiċi x'aktarx li trendi impossibbli l-aċċess għall-qorti tar-rikorrent. L-assistenza legali hija mingħajr ħlas fi ħdan il-qafas tal-għajna legali, għal introjtu li jaqa' taħt livell limitu li jikkorespondi għall-pensjoni minima.	Iva, l-parti telliefa trid tagħti rifużjoni tal-ispejjeż lill-parti rebbieħa, ħlief fejn diversament stabbilit bil-liġi, inkluż fejn il-liġi tobligja parti oħra bil-ħlas tal-ispejjeż minkejja d-deċiżjoni tal-qorti.	F'każ ta' suċċess parzjali fil-kawża, l-ammont li jrid jiġi rifuż irid ikun daqs l-ammont stipulat fit-talba tal-parti rebbieħa u l-ħlas bil-quddiem li jkun sar mill-partijiet. Il-qorti tista' tordna li kull parti tħallas l-ispejjeż rispettivi tagħha.	F'każijiet ġustifikati, il-qorti tista' tnaqqas it-tariffi tal-avukati li hija tqis għolja wisq. Il-partijiet ma jistgħux jiġu ordnati jħallsu l-ispejjeż minfuqa minħabba (li setgħu jiġu evitati) raġunijiet li għalihom hi responsabbli l-qorti. Ir-rifużjoni tal-ispejjeż ġuridiċi lill-partijiet ma tistax taqbeż l-ammont mitlub minnhom lill-qorti.	Iva, jekk jinstab illi l-parti bbenefikat minn għajna legali li ma kellhiex dritt għaliha. Il-parti t-telliefa għandha tagħti rifużjoni tat-tariffa tal-avukat tal-għajna legali, li kienet imħallsa bil-quddiem mill-Istat, direttament lill-Istat. Il-parti telliefa trid tħallas it-tariffa tal-amministratur, anke jekk għandha dritt għall-għajna legali.
Każ B	Ara t-taqsimu dwar l-għajna legali. Id-deċiżjoni għall-għoti tal-għajna legali tista' tikkunsidra wkoll l-għoli tal-ħajja fil-pajjiż fejn tirresjedi kull parti.	Fil-każijiet fejn, skont l-informazzjoni disponibbli dak il-ħin, l-istima tal-ispejjeż ġuridiċi x'aktarx li trendi impossibbli l-aċċess għall-qorti tar-rikorrent. L-assistenza legali hija mingħajr ħlas fi ħdan il-qafas tal-għajna legali, għal introjtu li jaqa' taħt livell limitu li jikkorespondi għall-pensjoni minima.	Iva, l-parti telliefa trid tagħti rifużjoni tal-ispejjeż lill-parti rebbieħa, ħlief kif diversament stabbilit bil-liġi, inkluż fejn il-liġi tobligja parti oħra bil-ħlas tal-ispejjeż minkejja d-deċiżjoni tal-qorti.	F'każ ta' suċċess parzjali fil-kawża, l-ammont li jrid jiġi rifuż irid ikun daqs l-ammont stipulat fit-talba tal-parti rebbieħa u l-ħlas bil-quddiem li jkun sar mill-partijiet. Il-qorti tista' tordna li kull parti tħallas l-ispejjeż rispettivi tagħha.	F'każijiet ġustifikati, il-qorti tista' tnaqqas it-tariffi tal-avukati li hija tqis għolja wisq. Il-partijiet ma jistgħux jiġu ordnati jħallsu l-ispejjeż minfuqa minħabba raġunijiet (li setgħu jiġu evitati) li għalihom hi responsabbli l-qorti.	Iva, jekk jinstab illi l-parti bbenefikat minn għajna legali li ma kellhiex dritt għaliha. Il-parti t-telliefa għandha tagħti rifużjoni tat-tariffa tal-avukat tal-għajna legali, li kienet imħallsa bil-quddiem mill-Istat, direttament lill-Istat. Il-parti telliefa trid tħallas it-tariffa tal-amministratur, anke jekk ikollha dritt għall-għajna legali.

	lċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-UE u ċ-ċittadini ta' Stati mhux membri tal-UE li joqogħdu legalment fi Stat Membru għandhom dritt għall-għajjnuna legali taħt l-istess kundizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċittadini Ungeriżi.		Ir-rifużjoni tal-ispejjeż ġuridiċi lill-partijiet ma tistax taqbeż l-ammont mitlub minnhom lill-qorti.
--	---	--	--

Spejjeż għat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni

Studju ta' każ	Traduzzjoni		Interpretazzjoni	
	Meta u taħt liema kundizzjonijiet tgħodd?	Spiża approssimattiva?	Meta u taħt liema kundizzjonijiet tgħodd?	Spiża approssimattiva?
Il-każ A	Jekk waħda mill-partijiet ma titkellimx jew ma tifhimx bl-Ungeriż.	It-traduttur jiddetermina d-dritt tiegħu/tagħha. It-tariffa tiġi kkalkulata skont l-għadd ta' kliem (madwar HUF 5 kull karattru), l-iskadenza u l-lingwa tas-sors. L-ispejjeż tat-traduzzjoni marbuta max-xhieda mogħtija u s-sottomissjonijiet tal-partijiet intitolati li jużaw il-lingwa nazzjonali, reġjonali jew minuri tagħha matul il-proċedimenti ċivili jitħallsu mill-Istat bil-quddiem f'isimhom. Dawn l-ispejjeż jġu mbagħad regolati mid-dispożizzjonijiet dwar l-irkupru tal-ispejjeż legali.	Jekk waħda mill-partijiet ma titkellimx jew ma tifhimx bl-Ungeriż.	L-interpretu jiddetermina d-dritt tiegħu/tagħha. It-tariffa fis-siegħa tiddependi mil-lingwa użata. Madwar HUF 10 000 sa 12 000 fis-siegħa. L-Istat huwa responsabbli għal jew iħallas bil-quddiem it-tariffi tal-interpretu fejn l-interpretazzjoni hija meħtieġa bil-liġi.
Każ B	Jekk waħda mill-partijiet ma titkellimx jew ma tifhimx bl-Ungeriż.	It-traduttur jiddetermina d-dritt tiegħu/tagħha. It-tariffa tiġi kkalkulata skont l-għadd ta' kliem (madwar HUF 5 kull karattru), l-iskadenza u l-lingwa tas-sors. L-ispejjeż tat-traduzzjoni marbuta max-xhieda mogħtija u s-sottomissjonijiet tal-partijiet intitolati li jużaw il-lingwa nazzjonali, reġjonali jew minuri tagħha matul il-proċedimenti ċivili jitħallsu mill-Istat bil-quddiem f'isimhom. Dawn l-ispejjeż jġu mbagħad regolati mid-dispożizzjonijiet dwar l-irkupru tal-ispejjeż legali.	Jekk waħda mill-partijiet ma titkellimx jew ma tifhimx bl-Ungeriż.	L-interpretu jiddetermina d-dritt tiegħu/tagħha. It-tariffa fis-siegħa tiddependi mil-lingwa użata. Madwar HUF 10 000 sa 12 000 fis-siegħa. L-Istat huwa responsabbli għal jew iħallas bil-quddiem it-tariffi tal-interpretu fejn l-interpretazzjoni hija meħtieġa bil-liġi.

L-aħħar aġġornament: 15/09/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabieq tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Studju ta' każ 2 – liġi tal-familja – kustodja tat-tfal - L-Ungerja

F'dan l-istudju dwar il-liġi tal-familja – kustodja tat-tfal, l-Istati Membri ntalbu biex jinfurmaw lill-parti li tiftaħ il-kawża dwar l-ispejjeż tal-kawża sabieq jitqiesu s-sitwazzjonijiet li ġejjin:

Każ A – Sitwazzjoni nazzjonali: Żewġ persuni ilhom iġhixu flimkien għal għadd ta' snin, mingħajr ma żżewwġu. Għandhom wild ta' tliet snin meta jisseparaw. Deċiżjoni tal-qorti tagħti l-kustodja tal-wild lill-omm u dritt ta' aċċess għall-missier. L-omm tiftaħ kawża biex tillimita d-dritt tal-missier għall-aċċess.

Każ B – Sitwazzjoni transnazzjonali fejn inti avukat fi Stat Membru A: Żewġ persuni ilhom iġhixu flimkien għal għadd ta' snin fi Stat Membru (Stat Membru B), mingħajr ma żżewwġu, għal għadd ta' snin. Għandhom wild flimkien iżda jisseparaw immedjatament wara li l-wild jitwield. Deċiżjoni tal-qorti fi Stat Membru B tagħti l-kustodja tal-wild lill-omm bi dritt ta' aċċess għall-missier. L-omm u l-wild imorru iġhixu fi Stat Membru ieħor (Stat Membru A) kif huma awtorizzati biex jagħmlu permezz tad-deċiżjoni tal-Qorti u l-missier jibqa' fi Stat Membru B. Wara ftit snin, l-omm tiftaħ kawża fi Stat Membru A biex tbiddel id-dritt tal-missier għall-aċċess.

Spejjeż fl-Ungerja

L-ispejjeż ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR)

--	--

Studju ta' każ	Soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR)	
	Din l-għażla hija miftuħa għal dan it-tip ta' każ?	Spejjeż
Każ A	Iva. Jekk il-ġenituri ma jistgħux jaqblu kif u meta għandu jiġi eżerċitat id-dritt ta' aċċess, jistgħu jitolbu medjazzjoni minħabba raġunijiet tal-benessri tal-wild tagħhom. Il-medjazzjoni tista' tintalab ukoll matul proċediment ta' infurzar. Fi żmien sentejn minn meta d-deċiżjoni tal-qorti fuq id-dritt tal-aċċess issir finali, talbiet għal tibdil tad-deċiżjoni jintlaqgħu biss quddiem l-istess qorti, li tibqa' bl-awtorità li tiddeċiedi dwar il-każ,	Kif miftiehem bejn il-partijiet u l-medjatur.
Każ B	Iva. Jekk il-ġenituri ma jistgħux jaqblu kif u meta għandu jiġi eżerċitat id-dritt ta' aċċess, jistgħu jitolbu medjazzjoni minħabba raġunijiet tal-benessri tal-wild tagħhom. Il-medjazzjoni tista' tintalab ukoll matul proċediment ta' infurzar. Jekk ikunu għaddew aktar minn sentejn mill-konklużjoni tal-kawża tad-divorzju jew għall-kura u kustodja tat-tifel, l-uffiċjal tat-tutela jista' japprova l-ftehim tal-ġenituri jew, fuq talba tagħhom, jiddeċiedi fuq id-dritt ta' aċċess.	Kif miftiehem bejn il-partijiet u l-medjatur.

It-tariffi tal-avukat, il-bailiff u l-espert

Studju ta' każ	Avukat	Bailiff	Espert
	Ir-rappreżentazzjoni ġuridika hija mandatorja?	Spejjeż medji	Ir-rappreżentazzjoni ġuridika hija mandatorja?
	Bilfors trid tintuża?	Spejjeż	
Każ A	Le	Kif miftiehem bejn il-partijiet u l-avukat.	Le
Każ B	Le	Kif miftiehem bejn il-partijiet u l-avukat.	Le

Il-kumpens tax-xhieda

Studju ta' każ	Il-kumpens tax-xhieda	
	Ix-xhieda għandhom dritt għal kumpens?	Spejjeż
Każ A	Iva	Il-kumpens tax-xhieda huwa regolat bil-liġi. Ix-xhieda għandhom dritt għar-rifużjoni tal-ispejjeż tat-trasport, l-akkomodazzjoni u l-bżonnijiet tagħhom, u kumpens għal perjodu li fih ma marrux għax-xogħol.
